Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 27 ta' Novembru 2025**
**(OR. en)**

**15917/25**

**POLGEN 209**
**INST 408**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Presidenza Ċiprijotta - Il-presidenza ta' ċerti Gruppi ta' Ħidma minn delegazzjonijiet oħra, fuq it-talba tal-Presidenza Ċiprijotta (L-ewwel nofs tal-2026) |

Is-Segretarjat jixtieq jinforma lill-Kunsill li Ċipru, bħala detentur tal-Presidenza għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2025, talab, f'konformità mal-Artikolu 20(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, li d-Danimarka u l-Irlanda jippresiedu ċerti Gruppi ta' Ħidma u konfigurazzjonijiet tagħhom, matul dan il-perjodu f'isem il-Presidenza Ċiprijotta.

Il-lista ta' hawn taħt tispeċifika dawn l-arranġamenti.

Huwa ssuġġerit li l-Kunsill jaqbel ma' dawn l-arranġamenti f'konformità mal-Artikolu 19(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

## Il-presidenza ta' ċerti Gruppi ta' Ħidma minn delegazzjonijiet oħra matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2026[1]

| **Grupp ta' Ħidma[2]** | **Delegazzjoni li tippresiedi** |
|---|---|
| Grupp dwar Krediti għall-Esportazzjoni (A.21) | Għandu jiġi ppresedut mid-Danimarka |
| Grupp ta' Ħidma dwar Riżorsi Ġenetiċi u Innovazzjoni fl-Agrikoltura<br>- Drittijiet ta' Min Inissel il-Pjanti (F.5.b) | Għandu jiġi ppresedut mill-Irlanda |
| Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Ambjentali Internazzjonali (J.2)<br>- WPIEI Basel<br>- WPIEI UNECE - Konvenzjoni fuq it-tniġġis tal-arja transkonfini fuq distanza kbira (CLRTAP)<br>- WPIEI Aspetti internazzjonali: Sustanzi Kimiċi/Sinerġiji | Għandu jiġi ppresedut mid-Danimarka |
| Grupp ta' Ħidma dwar l-Ikel u Kwistjonijiet Agrikoli Internazzjonali (F.22)<br>- Codex Alimentarius (F.22.d) - Żewġ laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma bi tħejjija tal-Kummissjoni Codex Alimentarius (CAC 49) | Għandu jiġi ppresedut mill-Irlanda |

[1] Dan huwa mingħajr preġudizzju għal arranġamenti alternattivi ta' presidenza fir-rigward ta' laqgħat ta' koordinazzjoni tal-UE deċiżi fuq il-post.

[2] Ara l-lista tal-korpi preparatorji tal-Kunsill fid-dok. 11901/25.